VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,120, 18 ta' Jannar, 2019*
*Taqsima C*

# Nru. 75

18. 1. 2019

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Michael Farrugia, M.P., Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-14 ta' Jannar, 2019

**ATT biex jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 10.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Michael Farrugia, M.P., Minister for Home Affairs and National Security, and read the First time at the Sitting of the 14th January, 2019.

**AN ACT to amend the Code of Police Laws, Cap. 10.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Abbozz ta' Liġi msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 10.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2019 li jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u dan l-Att għandu jinftiehem u jinqara ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi". Titolu. Kap. 10.

**2.** L-artikolu 114 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 114 tal-Kodiċi.

"Immarkar ta' bibien.

114. (1) Is-sid ta' dar, jew l-inkwilin u, jew l-Amministratur ta' *Condominia* għandu, fi żmien tletin jum kalendarju minn avviż maħruġ mill-Uffiċċju Elettorali, jimmarka fuq kull bieb ta' barra jew bin-numru pprovdut lilu jew f'għamla tal-għażla tiegħu, f'post viżibbli, in-numru li jkun imiss lil dak il-bieb. Fejn jiżdiedu iktar bibien bejn bibien diġà mogħtija numru, għandha tiżdied ma' kull numru mtenni, ittra tal-alfabett, fl-ordni tal-alfabett, billi jibda mill-ewwel ittra. Għandhom ukoll jitneħħew in-numri assenjati preċedentement; taħt dawk it-termini u l-kondizzjonijiet kif jistgħu jiġu preskritti mill-Uffiċċju Elettorali f'dak l-avviż.

(2) Ħadd ma jista' jgħarraq jew iħassar in-numru jew l-ittra ta' ebda bieb.

(3) F'każ li sid ta' dar, jew l-inkwilin u, jew l-Amministratur ta' *Condominia* ma josservax id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), l-Uffiċċju Elettorali jkollu l-jedd li jwaħħal in-numri assenjati fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Pulizija.

(4) Kull sid ta' dar, jew inkwilin u, jew l-Amministratur ta' *Condominia* li jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2), jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, ammenda ta' ħamsa u għoxrin euro (€25).

(5) F'każ li jiġi deċiż li għandhom jingħataw in-numri lill-propjetajiet fi triq privata, din it-triq għandha tibqa' meqjusa bħala triq privata.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz huma sabiex jiżdiedu l-ammont ta' ġranet sa meta jitwaħħlu n-numri ta' bibien min-notifikazzjoni tal-Uffiċċju Elettorali minn għaxar għal tletin jum u biex ikunu introdotti l-ittri tal-alfabett fil-każ ta' meta jiżdiedu bibien ġodda.

**A Bill**
**entitled**

*AN ACT to amend the Code of Police Laws, Cap. 10.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title.
Cap. 10.

**1.** The short title of this Act is the Code of Police Laws (Amendment) Act, 2019 and this Act shall be read and construed as one with the Code of Police Laws, hereinafter referred to as "the Code".

Substitution of article 114 of the Code.

**2.** Article 114 of the Code shall be substituted by the following:

"Marking of doors.

114. (1) The owner or the tenant of a house and, or the Administrator of a Condominium shall, within thirty calendar days of a notice issued by the Electoral Office, mark in a visible place each external door, either with the number provided to them or in any other form of their own choice, the next consecutive number to such door, and in the case where doors are added between doors which have already been given a number, there shall be added to every repeated number, a letter of the alphabet, in alphabetical order, starting from the first letter. The numbers previously assigned shall be removed under such terms and conditions as may be prescribed by the Electoral Office in such notice.

(2) It shall be unlawful to deface or destroy the number or letter of any door.

(3) In the case where the owner or the tenant of a house and, or the Administrator of a Condominium fail to comply with the provisions of sub-article (1), the Electoral Office shall have the right to affix the assigned numbers in the presence of a Police officer.

(4) Any owner or tenant of a house and, or the Administrator of a Condominium who fails to comply with the provisions of sub-articles (1) and (2), shall be in breach of the law and liable, when found guilty, to a fine of twenty-five euro (€25).

(5) In the case it is decided that numbers are allocated to properties on a private road, such road shall remain a private road.".

---

## Objects and Reasons

The objects of this Bill are to increase the number of days to affix door numbers after due notification by the Electoral Office from ten to thirty days and to introduce the addition of letters of the alphabet to newly added doors.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**